MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum 26 ta' April, 2017

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 558/17LM

**Roderick Pulis (K.I. 257979M), Jesmond Pulis (K.I. 105965M) u Raymond Pulis (K.I. 308963M)**

***vs.***

**Geoffrey Pulis (K.I. 202467M) u Warren Pulis (K.I. 398692M)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Roderick, Jesmond u Raymond aħwa Pulis** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), li ġie ppreżentat fis-6 ta' April,

2017 li jgħid:

*Illi l-esponenti għandhom interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tagħhom, jixtiequ jżommu l-intimati milli jittrasferixxu, ibigħu, jassenjaw, jipotekaw, jikru jew jiddisponu b'kull mod inter vivos mis-segwenti proprjetà:*

*1. Dar residenzjali bla numru, bl-isem "Horvine House" fi Triq ix-Xgħajra, Żabbar bl-arja tagħha konfinanti mil-Lvant mal-imsemmija triq u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis;*

*2. Tliet (3) garages kontigwi bla numru u bla isem fi Triq il-Ħofra, Żabbar, sottoposti għal maisonette ta' terzi, konfinanti flimkien peress li kontigwi, mit-Tramuntana mat-triq imsemmija u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis;*

*3. Ħanut bl-isem 'Polymer Pharmacy' fi Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq il-Ħofra, Żabbar, konfinanti mill-Punent ma' Triq ix-Xgħajra, u mil-Lvant ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis;*

*4. Kumpless ta' sittax-il (16) garaxx bi drive-in privata bla numru u bla isem fi Triq ix-Xgħajra, Żabbar, liema kumpless għandu l-arja tiegħu, konfinanti dan il-kumpless mil-Lvant mat-triq imsemmija u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis;*

*5. Garage bla isem u bla numru fi Triq ix-Xgħajra, Żabbar, bl-arja tiegħu konfinanti mil-Lvant mat-triq imsemmija, mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis;*

*6. Bitħa privata bla numru u bla isem fi Triq ix-Xgħajra, Żabbar ta' kejl ta' ċirka mija u ħamsa u erbgħin metri kwadri (145m.k.) konfinanti mill-Lvant mat-triq imsemmija u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis*

*u dan sabiex jikkawtelaw sehemhom mill-assi likwidi tad-decujus Grazio Pulis li jkunu talvolta spettanti lilhom hekk kif tiddevolvi anke favur tagħhom is-suċċessjoni tal-istess Grazio Pulis u dan f'każ ta' akkoljiment tat-talbiet imressqa minnhom f'kawża ppreżentata kontestwalment u mmarkata bħala Dok. A.*[1]

*Illi l-esponenti ser jiġu ppreġudikati jekk l-intimati ma jiġux inibiti kif ingħad;*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommhom milli jkomplu jagħmlu l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat id-digriet tagħha tas-6 ta' April, 2017 fejn abbażi tal-artikolu 875(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta laqgħet it-talba tar-rikorrenti provviżorjament, b'dan li rriżervat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u fejn ordnat ukoll li r-rikorrenti jippreżentaw abbozz sħiħ tan-nota ta' iskrizzjoni a tenur tal-artikolu 874(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien mad-dokument A li suppost kien anness mar-rikors promotur.

Rat illi fl-10 ta' April, 2017 ir-rikorrenti esebew permezz ta' nota abbozz sħiħ tan-nota ta' iskrizzjoni a tenur tal-artikolu 874(2) tal-Kapitolu 12.

Rat illi r-rikorrenti baqgħu ma ppreżentawx id-dokument A kif ordnat bid-digriet tagħha tas-6 ta' April, 2017.

[1] Ma ġie anness ebda dokument.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-11 ta' April, 2017 fejn l-Avukat Maria Azzopardi għall-intimati Geoffrey Pulis u Warren Pulis, iddikjarat illi "m'hemmx oġġezzjoni fir-rigward ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni u li l-intimati qed jobbligaw ruħhom li bl-ebda mod ma jmissu jew jagħmlu użu minn kontijiet bankarji intestati u *di più* jiġi dikjarat li huma sal-lum fid-data tal-mewt ta' Grezzju Pulis (K.I. 732539M) qatt ma missew tali kontijiet bankarji f'isem id-defunt Grezzju Pulis, b'dana illi l-mandat ta' sekwestru ppreżentat fil-konfront tal-istess intimati odjerni numru 557/17 jiġi rtirat mir-rikorrenti."

Rat id-dikjarazzjoni fl-istess udjenza tal-Avukat Michael Grech għar-rikorrenti **Roderick, Jesmond u Raymond, aħwa Pulis** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti"), fejn ir-rikorrenti obbligaw ruħhom li dakinhar stess kienu ser idaħħlu kontromandat għall-mandat ta' sekwestru msemmi preċedentement.

Rat illi fil-11 ta' April, 2017 effettivament sar il-kontromandat għall-mandat ta' sekwestru numru 557/17.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta relattivi għal mandati ta' inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, 873, 874, 875 u 876A.

**<u>Decide</u>**

**In vista tat-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, sabiex jikkawtelaw sehemhom mill-assi likwidi tad-decujus Grazio Pulis u tad-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' oġġezzjoni għal tali talba da parti tal-intimati, il-Qorti tilqa' b'mod definittiv it-talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni sabiex iżżomm lill-intimati milli jittrasferixxu, ibigħu, jassenjaw, jipotekaw, jikru jew jiddisponu b'kull mod *inter vivos* is-segwenti proprjetà: (1) Dar residenzjali bla numru, bl-isem "Horvine House" fi Triq ix-Xgħajra, Żabbar bl-arja tagħha konfinanti mil-Lvant mal-imsemmi triq u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis; u (2) Tlett (3) *garages* kontigwi bla numru u bla isem fi Triq il-Ħofra, Żabbar, sottoposti għal *maisonette* ta' terzi, konfinanti flimkien peress li kontigwi, mit-Tramuntana mat-triq imsemmija u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis; u (3) Ħanut bl-isem 'Polymer Pharmacy' fi Triq ix-Xgħajra kantuniera ma' Triq il-Ħofra, Żabbar, konfinanti mill-Punent ma' Triq ix-Xgħajra, u mil-Lvant ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis; u (4) Kumpless ta' sittax-il (16) garaxx bi *drive-in* privata bla numru u bla isem fi Triq ix-Xgħajra, Żabbar, liema kumpless għandu l-arja tiegħu, konfinanti dan il-kumpless mil-Lvant mat-triq imsemmija u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis; u (5) *Garage* bla isem u bla numru fi Triq ix-Xgħajra, Żabbar, bl-arja tiegħu konfinanti mil-Lvant mat-triq imsemmija, mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis; u (6) Bitħa privata bla numru u bla isem fi Triq ix-Xgħajra, Żabbar**

**ta' kejl ta' ċirka mija u ħamsa u erbgħin metri kwadri (145 m.k.) konfinanti mil-Lvant mat-triq imsemmija u mill-irjieħ l-oħra ma' beni ta' Grazio u Vincenza Pulis.**

**Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati tal-Ġustizzja sabiex *ai termini* tal-artikolu 874(3) tal-Kap. 12 jinnotifika fi żmien erbgħa u għoxrin (24) siegħa lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u lir-Reġistratur tal-Artijiet b'dan il-provvediment u bir-Rikors kif milqugħ inkluż l-abbozz ta' nota ta' iskrizzjoni li tinsab *a fol.* 10 tal-proċess.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.**

Mogħti kameralment fis-26 ta' April, 2017.